MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 569/1998/1

**Mario u Domenica konjugi Mizzi,
f'isimhom proprju u bhala rapprezentanti
ta' binthom minuri Charlene u Gilbert Mizzi**

**v.**

**Paul Genovese u Darren Micallef.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. Permezz ta' citazzjoni l-atturi wara li premettew illi fit-tnejn (2) ta' Jannar 1997 ghall-habta tas-2.30pm f'Tal-Barrani Rd, limiti taz-Zejtun, waqt li l-mejta Marion Mizzi kienet riekba mal-konvenut Paul Genovese li kien qed isuq mutur Yamaha 1100, b'numru ta' registrazzjoni Q-3179, b'negligenza, traskuragni, imperizja u b'non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, baqa' diehel f'nofs il-vettura Mini Minor, b'numru ta' registrazzjoni T-2065, proprjeta` tal-konvenut Darren Micallef, li b'konsegwenza nqasmet minn nofs; u ppremettew ukoll illi l-konvenut Darren Micallef, kien qed isuq il-vettura Mini Minor b'negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku; illi l-mejta Marion Mizzi baqghet titkaxkar fuq il-mutur li per konsegwenza baqa' diehel go vettura ohra tal-marka Daewoo b'numru tar-registrazzjoni PIZ647, bil-konsegwenza tal-mewt ta' Marion Mizzi; illi per konsegwenza l-atturi sostnew li huma sofrew danni, sija ta' natura *damnum emergens* kif ukoll ta' natura *lucrum cessans*; illi l-atturi qalu li l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni tal-hlas tad-danni, izda baqghu inadempjenti; u wara li ppremettew ukoll illi huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirrizulta mill-anness dokument, xebba ta' wiehed u ghoxrin sena (21) li sfat vittma ta' dan l-incident awtomobilistiku, talbu lill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

(a) li tiddikjara li l-mewt ta' Marion Mizzi sehh b'tort unikament tan-negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

(b) tillikwida d-danni hekk sofferti minn l-atturi;

(c) tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT DARREN MICALLEF**

2. Il-konvenut (appellat) Darren Micallef, f'dina l-kawza, fin-nota ta' eccezzjonijiet eccepixxa li:

(1) It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront tieghu stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-mejta Marion Mizzi, tal-konvenut l-iehor Paul Genovese u ta' terzi li sal-lum huwa mhux informat bl-identita` taghhom;

(2) Illi l-principju stabbilit li *volenti non fit injuria* ghandu japplika fil-konfront tal-mejta Marion Mizzi;

(3) Illi ma kienx hemm il-possibilita` li l-konvenut jipprevedi l-incident minhabba velocita` eccessiva u s-sahha li bihom gie investit mill-mutur li fuqu kienu rekbin il-mejta Marion Mizzi u l-konvenut l-iehor Paul Genovese u ghalhekk ma jistax ikun responsabbli ta' l-incident;

Salv eccezzjonijiet ohra.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT PAUL GENOVESE</u>**

3. Il-konvenut appellant Paul Genovese fir-risposta tieghu eccepixxa illi:

(1.) It-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana stante illi l-mewt ta' Marion Mizzi fl-incident tat-2 ta' Jannar 1997, sehhet mhux minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul Genovese izda unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Darren Micallef li waqt li kien qed isuq f'Tal-Barrani Rd, limiti taz-Zejtun qasam minn fuq karreggjata tat-triq ghal ohra u baqa' diehel gol-mutur misjuq mill-konvenut Paul Genovese li fuqu wkoll kien hemm riekba l-mejta Marion Mizzi, u dana bil-konsegwenzi kollha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

4. B'sentenza tat-22 ta' Marzu 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Paul Genovese biss u kkundannatu jhallas lill-atturi s-somma

ta' mija u erbgha u tletin elf, disa' mija u hames liri Maltin u sittin centezmu (Lm134,905.60) rapprezentanti danni sofferti minn l-istess atturi wara l-mewt ta' Marion Mizzi, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' Darren Micallef kontra l-istess Paul Genovese.

**L-APPELL TAL-KONVENUT PAUL GENOVESE**

5. Il-konvenut Paul Genovese hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti u fiha talab jew ir-revoka taghha, jew ir-riforma taghha *in parte* (riferibbilment ghall-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti) skond il-kaz.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. L-appell tal-konvenut Paul Genovese huwa bbazat fuq zewg aggravji li, in succint, jigu riassunti kif gej:-

(i) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fid-decizjoni taghha meta ddecidiet li l-htija ta' l-incident *de quo* kienet kollha tieghu, u dana ad eskluzjoni tal-konvenut l-iehor, l-appellat Darren Micallef, is-sewwieq tal-Mini-Minor.

(ii) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju dwar ir-responsabbilta`, huwa ma jaqbilx mal-mod kif gew likwidati d-danni mill-ewwel Qorti.

**L-Aggravju dwar Responsabbilta`**

7. Il-vertenza in ezami hija dwar incident tat-traffiku li fih, fost ohrajn, kien hemm involuti mutur misjuq mill-appellant Paul Genovese u karrozza misjuqa mill-konvenut l-iehor, l-appellat Darren Micallef. Marion Mizzi, xebba ta' 21 sena li kienet riekba fuq wara ("pillion-rider") tal-mutur Yamaha 1100 bin-numru tar-registrazzjoni Q-3179 tilfet hajjitha f'dana l-incident. Jirrizulta li dan il-mutur safa involut f'habta ma' karozza mini-minor bin-numru tar-registrazzjoni T-2065 li kienet tinsaq mill-konvenut l-iehor Micallef li dak il-mument kien sejjer jittraversa l-istess triq mnejn kien ghaddej l-appellant. Dana l-incident gara fit-2 ta' Jannar 1997, fi Triq Tal-Barrani, limiti taz-Zejtun.

8. Jirrizulta li fil-mument li sehh dana l-incident fatali, minbarra l-mutur u l-karrozza fuq imsemmija, kien hemm ukoll mutur iehor ghaddej biswit dak ta' Genovese. Dan

it-tieni mutur kien jinsaq minn Jamie Sammut u fuqu wkoll kien hemm tfajla riekba bhala “pillion-rider”, jigifieri x-xhud Gabriella Serra. Fl-incident intlaqtet ukoll vettura ohra tal-marka Daewoo bin-numru tar-registrazzjoni PIZ 647 misjuqa minn Sandro Bonello, xhud iehor f’din il-kawza. Il-vertenza odjerna ad istanza tal-werrieta tal-mejta Marion Mizzi, in kwantu dak li jikkoncerna responsabbilita`, hija ristretta u cirkoskritta ghaz-zewg sewwieqa Paul Genovese (is-sewwieq tal-mutur Yamaha) u Darren Micallef (is-sewwieq tal-Mini Minor).

9. Jirrizulta li, wara li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ikkostatat li z-zewg muturi (dak misjuq mill-appellant u l-iehor misjuq minn Jamie Sammut), kienu qeghdin itellqu, u li l-appellant kien isuq b’mod sperikolat u eccessiv, l-istess Qorti kkonkludiet li unikament responsabbli ghas-sinistru kien l-appellant u hadd hliefu.

10. Il-lanjanzi ta’ l-appellant Paul Genovese taht dana l-aspett huma diversi, jigifieri:

(i) li l-kawza prossima ta’ l-incident *de quo* ma kienx hu imma s-sewwieq tal-Mini-Minor, Darren Micallef, li qabad u qasam mill-karreggjata ta’ gewwa ghal dik ta’ barra, waqaf ghal ftit mumenti biex imbaghad jaghmel “U-turn” u jdur ghall-parti tat-triq kontra d-direzzjoni li kien gej minnha u b’hekk inblokka l-passagg tal-mutur misjuq minn Paul Genovese;

(ii) li ma kienx minnu li z-zewg sewwieqa tal-muturi kienu qeghdin itellqu; il-provi juru li dan il-fatt ma johrogx mix-xiehda moghtija;

(iii) il-fatt li l-parti ta’ quddiem tal-Mini-Minor baqghet miexja ’l quddiem, wara li din inqasmet fi tnejn, tkompli tikkonferma li din il-vettura kienet miexja u mhux wieqfa, kif invece jippretendi Darren Micallef. Dan il-fatt gie skartat ghal kollox mill-ewwel Qorti.

(iv) li l-ewwel Qorti, li ma semghetx ix-xiehda hija direttament, naqset milli tevalwa kif imiss ix-xiehda moghtija partikolarment dik ta’ Darren Micallef u Sandro

Bonello mnejn kellu jirrizulta, skond l-appellant, li dawn it-tnejn "ippreparaw it-testimonjanza taghhom u dana anke jekk wiehed iqis dak li qalu huma t-tnejn, li wara l-incident ghamlu snin jahdmu flimkien f'hanut tal-pastizzi u tkellmu kemm-il darba dwar l-incident". Li l-ewwel Qorti tilfet l-opportunita` li tosserva l-komportament taghhom fil-mument li xehdu u ghalhekk "ma setghetx twiezen id-'demeanor' (recte: 'demeanour') taghhom".

Ghalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata u dana "peress illi l-incident *de quo* sehh minhabba htijiet imputabbli l-konvenut l-iehor Darren Mizzi (sic)", u li, minghajr pregudizzju, tigi riformata l-istess sentenza in kwantu d-danni li gew likwidati jigu ridotti ghal ammont "ferm izghar ….. b'mod li tkun konformi mal-ligi u takkorda lid-danneggjat rizarciment ta' danni veri u reali".

11. Risposti min-naha ta' l-appellati ghall-appell ta' Paul Genovese ma jidhirx li saru min-naha ta' l-atturi appellati jew min-naha tal-konvenut Micallef.

12. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm fil-parti finali tar-rikors ta' appell, l-appellant Genovese talab ir-revoka tas-sentenza minhabba li l-htija ta' l-incident kellha tinxtehet fuq il-konvenut l-iehor Darren Micallef (u mhux Darren Mizzi kif hemm imnizzel, probabilment *lapsus calami*), fil-parti inizzjali ta' l-istess rikors ta' appell – ara l-ewwel paragrafu ta' l-aggravji indikat bin-numru wiehed – huwa jghid I l-izball ta' l-ewwel Qorti kien li din iddecidiet "illi l-htija ta' dan l-incident kienet kollha ta' l-esponent ……" (sottolinear tal-Qorti). Fi kliem iehor donnu li l-istess appellant ma jafx jghid jew ma jaghrafx bizzejjed jekk il-htija kellux igorrha kollha s-sewwieq tal-Mini-Minor, Darren Micallef, jew jekk hawn huwiex il-kaz ta' htija kontributorja kemm tieghu u kemm ukoll ta' Micallef ghall-incident *de quo*. Li hu zgur hu – u dan qieghed jinghad ukoll ghax f'parti mill-eccezzjonijiet tieghu l-appellat Micallef jiccita anke l-vittma Marion Mizzi fost dawk ko-responsabbli (ara nota ta' l-eccezzjonijiet, a fol. 27 tal-process, para 1 u 2) ghal dak li gara – li ma hemm assolutament ebda prova li turi li b'xi mod l-imsemmija Marion Mizzi kkontribwiet ghal dan l-incident li fih tilfet

hajjitha. Tajjeb ukoll li jinghad li fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Darren Micallef, oltre li jghid li hu ma kellu tort ta' xejn, isemmi bhala ko-responsabbli mhux biss lill-konvenut Paul Genovese u lill-vittma imma wkoll "terzi li sa llum l-esponenti mhux informat bl-identita` taghhom". Anki dwar dan l-ahhar punt, provi konkreti ma ngabux. Hi x'inhi, il-kawza odjerna tinsab diretta lejn zewg sewwieqa specifici, jigifieri z-zewg konvenuti surreferiti.

13. Din il-Qorti, wara li gharblet sew il-provi kollha akkwiziti, hija tal-fehma li ghal dak li jikkoncerna responsabbilta`, l-ewwel Qorti kkonkludiet gustament u korrettement. Huwa minnu li prova cara u inekwivoka li z-zewg sewwieqa tal-muturi kienu qeghdin itellqu ma' xulxin ma tirrizultax bil-mod assolut kif tat x'tifhem l-ewwel Qorti, <u>imma certament jirrizulta sufficjentement li xi forma ta' pika ta' sewqan bejniethom kien hemm</u>. Il-Qorti tosserva li, fl-ewwel xiehda tieghu, l-appellant jinjora l-prezenza ta' mutur iehor (ara fol. 57-58) fil-mument ta' l-incident. Bil-maqlub tieghu, il-konvenut Micallef jaghmel accenn ghall-prezenza ta' "muturi" u dwarhom, <u>*inter*</u> <u>*alia*</u> xehed hekk (fol. 69).

"X'hin rajthom it-tieni darba, wiehed mill-muturi mar fuq il-lane l-ohra, u cioe` dik l-aktar vicina tal-pompa tal-petrol.

Jiena nista' nghid li kienu ghaddejjin bis-sahha.

Il-mutur li jien rajt jitlaq minn fuq il-post ta' l-incident meta gejt f'tieghi kien wiehed minn dawk iz-zewg muturi li jiena semmejt…".

In kontro-ezami, ikompli hekk,

"….. Li naf hu illi meta gejt f'sensija, kien hemm xi hadd gabar il-mutur, li ma kienx dak li dahal fija, u qabad u saq lil hemm."
Gabriella Serra (ara fol. 101), "pillion-rider" fuq il-mutur ta' Jamie Sammut xehdet li qabel rat l-incident isehh osservat li Genovese "kien qabilna u dan ghal certu distanza" pero` cahdet li kienu jtellqu. Ix-xiehda ta' Jamie Sammut tixhet aktar dawl fuq dak li sehh qabel l-incident

(fol. 102) "… Jiena kont qed insuq il-mutur. Id-direzzjoni tieghi kienet dik sejjer Bulebel minn Birzebbuga. Jiena l-ewwel darba li rajt lill-konvenut Genovese kien qabel ir-roundabout li hemm f'Bir id-Deheb, qlajtu u ergajt dhalt fuq sidi (sic). Genovese rega' qabizni ftit qabel il-pompa tal-petrol…" (sottolinear tal-Qorti).

Sandro Bonello (fol. 42-43 skond in-numerazzjoni differenti fil-process) jixhed hekk,

"…Dawn iz-zewg muturi kienu fl-istess lane. Dawn ma kenux ghaddejjin bil-mod u kienu ghaddejjin hdejn xulxin b'xi ftit avarija …".

Jekk wiehed jifli sew dawn il-provi ghandu jirrizultalu li effettivament iz-zewg muturi kienu qeghdin jippikaw wiehed ma' l-iehor. Ma hemmx prova li "ftehmu" jew "qablu" li jtellqu mutur ma' iehor b'mod prekoncertat imma hemm zgur bizzejjed prova li dawn bdew isuqu l-muturi taghhom b'velocita` u bdew ukoll jaqbzu lil xulxin, u dan proprju qabel sehh l-incident in ezami.

14. Ma ghandu jkun hemm ebda dubju mbaghad li s-sewqan ta' Paul Genovese kien wiehed b'giri sostanzjali. Dwar ""speed", Genovese, li xehed in subizzjoni, jghid biss hekk (fol. 58)'

"L-i*speed* tal-mutur ma kienx ta' aktar minn 80 KM per hour".

Darren Micallef xehed li l-muturi (fol. 69) "kienu ghaddejjin bis-sahha". Sandro Bonello (fol. 42-43) xehed dwar iz-zewg muturi u qal li "dawn ma kenux ghaddejjin bil-mod". Gabriella Serra (fol. 50) xehdet hekk, "ma nafx b'kemm kien ghaddej *speed* Genovese, izda nghid xi ftit aktar minn normali pero` ma ghandi l-ebda ideja".

15. Pero` apparti minn dawn id-deposizzjonijiet, hemm ukoll provi ohrajn li jikkonfermaw sewqan b'velocita` qawwija. Fil-fatt jirrizulta li bid-daqqa ta' l-impatt, il-Mini-Minor ta' Micallef sfat litteralment maqsuma min-nofs u

giet fi tnejn. Ir-ritratt – ara Dok EG2 esebit mill-appellant stess huwa prova elokwenti bizzejjed. Fid-deposizzjoni taghha, Gabriella Serra, li xehdet b'certu mod kandidu li jirrispekkja sew il-verita`, tghid hekk (fol. 101),

"Jiena rajt l-incident isehh u nghid illi l-mutur (ta' l-appellant) dahal fin-nofs tal-Mini-Minor. Jiena rajt ukoll lin-nies itiru. Il-mutur ta' Genovese kull ma kellu quddiemu kienet din il-Mini-Minor".

Kif allura gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti, opinjoni kondiviza minn din il-Qorti, jirrizulta sufficjentement mill-provi li (ara fol. 15 tas-sentenza appellata, para 2) li l-appellant Genovese,
"…..saq b'mod sperikolat u bi *speed* li jeccedi sew dak regolamentari, b'dan ghalhekk li minhabba l-istess *speed* huwa kien inkapaci jew ahjar irrenda ruhu impossibbilitat li jirrimedja u jirreagixxi ghal dak li kien quddiemu u pogga ruhu f'*self-inflicted incapacity* bil-konsegwenza li sar l-incident *de quo*, li tieghu ma hemm ebda dubju li l-istess Paul Genovese kien il-kawza prossima tieghu…"

16. Jifdal imbaghad il-lanjanza l-ohra dwar il-htija o meno tas-sewwieq tal-Mini-Minor, Darren Micallef. Skond l-appellant, l-incident gara ghar-raguni li dan Micallef ghazel li jsuq il-vettura tieghu proprju fil-waqt li hu kien ghaddej minn hemm b'dana li imblukkalu t-triq inaspettatament. Prova ta' dan kien il-fatt li, isostni l-appellant, wara li l-Mini-Minor inqasmet, il-parti fejn kien hemm il-magna baqghet miexja 'il quddiem, li kien jindika li din kienet "on gear" u miexja u mhux stazzjonarja.

17. Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul hija tal-fehma li hawn ukoll l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konstatazzjoni taghha li l-Mini-Minor ma kkontribwitx biex isehh dana l-incident.

Il-preponderanza tal-provi turi li fil-mument ta' qabel il-habta l-Mini-Minor ma kenitx miexja. Id-dinamika tal-habta turi invece li kien il-mutur misjuq mill-konvenut Paul Genovese, u mhux bil-maqlub, li dahal fil-vettura misjuqa minn Darren Micallef u dan litteralment qasamha min-

nofs. Il-provi juru li m'huwiex minnu li qabel il-habta, Paul Genovese kellu kontroll sew u shih fuq il-mutur li kien qieghed isuq. Li jirrizulta bic-car hu li l-istess konvenut warrab ghal kollox kull sens ta' prudenza (tenut kont ukoll tal-fatt li riekba warajh kien hemm persuna ohra) u ddecieda minflok li juri kemm huwa veloci l-mutur tieghu li kien ghadu kemm xtara "sekonda mano" xi erba' xhur biss qabel. Jirrizulta evidenti wkoll li, rinfaccjat b'vettura quddiemu, huwa ma kienx f'qaghda li jiffrena tempestivament jew jevita habta certa. Ghal dan kollu kien jahti biss l-istess Paul Genovese u hadd hliefu.

18. Dwar il-lanjanza li l-Qorti ma semghetx hi l-provi u li naqset milli tosserva l-komportament tax-xhieda, din il-Qorti tosserva li d-decizjonijiet taghha jistriehu fuq provi konkreti u mhux fuq ragonamenti jew argumenti privi minn bazi soda. Huwa veru li l-appellat Darren Micallef u x-xhud Sandro Bonello, sewwieq tal-vettura Daewoo (li sfat iddanneggjata wkoll mill-mutur ta' Genovese) kienu ghamlu snin jahdmu flimkien u lanqas ma hu eskluz li dawn tkellmu fuq l-incident *de quo*, imma l-asserzjoni li dawn ftehmu bejniethom biex jiffabbrikaw xiehda li taqbel lilhom a skapitu ta' l-appellant hija akkuza gravissima u tinhtieg tigi sostnuta kif jixraq qabel ma tigi accettata. Fin-nuqqaas, kif inhu l-kaz in ezami, din il-Qorti ma tistax takkoljiha. Jekk kien hemm xiehda li giet varjata konvenjentement, din pjuttost hija attribwibbli lill-parti l-ohra. L-aktar xhud li xehed 'favur' it-tezi ta' l-appellant kien is-sewwieq tal-mutur l-iehor, Jamie Sammut. Ix-xiehda tieghu pero` trid tittiehed "cum grano salis". Dan hu l-istess sewwieq li f'xi mumenti ezatt qabel l-incident kien miexi b'mod imharrek biswit l-appellant, daqqa jghaddih l-appellant u daqqa warajh. Kien ukoll ix-xufier li wara l-incident spicca ma' l-art pero` ftit wara rega' rikeb u telaq mill-post ta' l-incident. Hu jargumenta li l-Mini-Minor x'aktarx kienet miexja, pero` Gabriella Serra riekba warajh tghid li ratha wieqfa. Sandro Bonello xehed ukoll li ra l-Mini-Minor wieqfa. Kwantu kemm hija affidabbli x-xiehda ta' dan Jamie Sammut, il-Qorti tirreferi ghas-silta segwenti (ara kontro-ezami, fol. 56 skond in-numerazzjoni differenti fil-process):

"Qed jigi suggerit lili illi jiena fl-inkjesta kont xehedt illi Genovese kien ghada (recte: ghadda) qisu rih minn mieghi. Dwar dan jiena nghid illi jekk ghidt hekk dak iz-zmien allura nerga' nirrafferma dak li ghidt dak iz-zmien pero` ma niftakarx ezatt".

Quddiem xhieda ta' din il-kwalita`, ebda Qorti ma tista' taghti affidament lid-deponent.

Bl-istess titubanza, ix-xhud Jamie Sammut (fol. 56, enumerazzjoni differenti) jghid hekk dwar jekk il-Mini-Minor kenitx stazzjonarja jew miexja qabel il-habta,

"Ma niftakarx jekk fil-mument ta' l-impatt il-Mini-Minor kenitx wieqfa tistenna biex iddur, jew jekk kenitx ghadha miexja, pero` niddubita jekk kenitx wieqfa".

19. Tenut kont tas-suespost, din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement dwar responsabbilta` u li, konsegwentement, l-aggravju taht dana l-aspett min-naha ta' l-appellant Genovese huwa infondat u qed jigi ghalhekk respint.

**L-Aggravju dwar il-Likwidazzjoni tad-Danni**

20. Fit-tieni lok, u darba li l-ewwel aggravju gie respint, il-konvenut Genovese jillanja mill-fatt li kwantu ghall-*quantum* tad-danni li gew likwidati lid-danneggjati mill-ewwel Qorti, kien hemm lok li ssir riforma biex dawn jigu ridotti u ridimensjonati f'ammont ferm izghar, b'mod li jkun konformi mal-ligi, u li jkun jirrispekkja rizarciment "ta' danni veri u reali kif tiddisponi l-ligi u dana fid-dawl tal-gurisprudenza accettata".

21. Kif diga` intqal, l-ewwel Qorti kienet illikwidat in linea ta' danni s-somma komplessiva ta' Lm134,905.60, u dan ukoll billi dik il-Qorti dehrilha opportun li tistrieh maggorment fuq is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Turner et v. Frances Agius et (Citazzjoni numru 120/1994/1) deciza fis-17 ta' Frar 1998, liema sentenza effettivament kienet hadet linja differenti minn sentenzi ohrajn moghtijin minn

dawn il-Qrati f'incidenti konsimili. Jinghad mill-ewwel li dik is-sentenza kienet giet riformata drastikament minn din il-Qorti, kif illum komposta, b'sentenza moghtija fit-28 ta' Novembru 2003. A skans ta' ripetizzjoni ghalhekk, qeghda ssir riferenza shiha ghal dik is-sentenza finali ghar-raguni li din il-Qorti ghadha tikkondividiha pjenament u dan ifisser li l-*quantum* tad-danni f'din il-kawza wkoll irid jigi ridott sostanzjalment. In succint, fis-sentenza Turner et v. Agius surreferita, fejn il-vittma kellha biss sbatax-il sena, u mhux wiehed u ghoxrin (21) sena meta mietet, din il-Qorti ddecidiet hekk:-

(1) li l-"multiplier" kellu jinhadem fuq medda ta' hajja lavorattiva mifruxa fuq perijodu ta' tletin (30) sena (u, kwindi, ghaxar (10) snin anqas minn dak moghti mill-ewwel Qorti);

(2) li tenut kont tal-grad ta' dipendenza bejn il-vittma u l-atturi, dak li jirrigwarda l-"lucrum cessans", kellhom isiru ezercizzji ta' riduzzjoni billi fl-ewwel lok l-ammont globali likwidat kellu jonqos ghal terz; u mbaghad issir riduzzjoni ohra ulterjuri ta' hamsa u ghoxrin (25) fil-mija in linea ta' rata ta' konsum misthajjel ("self-consumption");

(3) fl-ahharnett kellu jigi kkunsidrat ukoll, darba li jigi kkristallizzat l-ammont tad-danni, jekk kellhiex issir riduzzjoni ohra minhabba li l-ammont dovut ikun ser jithallas f'daqqa ("lump sum payment"), f'liema kazi dawn il-Qrati ghamlu deduzzjonijiet li joxxillaw bejn l-ghaxra u l-ghoxrin fil-mija, tenut kont pero` taz-zmien li jkunu hadu l-proceduri biex jintemmu u l-ammont ta' danni involuti. Fil-fatt kien hemm kazi li, minhabba t-tul taz-zmien, ebda tnaqqis ma gie moghti, u proprju fil-kawza Turner et v. Agius ma kien sar l-ebda tnaqqis.

22. Applikat is-suespost ghall-kawza in ezami jfisser li l-punt ta' tluq ghal fini ta' likwidazzjoni ghandu jkun ibbazat fuq is-segwenti:

(i) is-salarju tal-mejta Marion Mizzi qabel l-incident: Lm4215.80 per annum;

(ii) "multiplier" ta' tletin (30) sena;

(iii) Percentwal ta’ telf: 100%;
(iv) Tnaqqis minhabba grad ta’ dipendenza: zewg terzi ($^2/_3$) ta’ l-ammont hekk likwidat;
(v) Tnaqqis ulterjuri ta’ 25% fil-mija bhala “self consumption”; u
(vi) Tnaqqis ta’ “lump sum payment”; jekk ikun il-kaz.

23. Tenut kont tas-suespost, ifisser li fl-ewwel lok, l-ewwel tlett ezecizzji jwasslu ghas-somma segwenti:-

Lm4,215.80c X 30 X 100% = Lm126,474.00. Din is-somma ta’ Lm126,474.00 trid tonqos ghal terz ($^1/_3$) minhabba l-grad ta’ dipendenza, jigifieri ghal Lm42,158.00c, u mill-gdid bi kwart (25%) ghal “self consumption”, jigifieri ghas-somma ta’ Lm31,618.50 (wiehed u tletin elf, sitt mija u tmintax-il lira Maltin u hamsin centezmu).

24. Dwar tnaqqis ulterjuri minhabba kunsiderazzjonijiet ta’ “lump sum payment”, din il-Qorti jidhrilha li f’dan il-kaz ukoll (a differenza ta’ l-ewwel Qorti) m’ghandu jsir ebda tnaqqis ulterjuri. L-incident sehh f’Jannar 1997, il-kawza giet istitwita fl-20 ta’ Marzu 1998 u ilha pendenti ghalhekk ftit anqas minn tmien snin, li hu zmien konsiderevoli.

25. Tajjeb li jigi rilevat li ma giet prodotta l-ebda prova dwar *dannum emergens*, ghalkemm dawn issemmew fl-att tac-citazzjoni min-naha ta’ l-atturi; li ebda wiehed mill-appellati ma interpona appell jew appell incidentali (fil-fatt, lanqas risposti ta’ appell ma saru minnhom); li ghalkemm l-ammont salarjali nhadem bla konsiderazzjoniet ta’ awmenti, min-naha l-ohra dana nhadem bhala “gross”, jigifieri minghajr tnaqqis ta’ taxxi u kontribuzzjonijiet ohra li solitament jittiehdu mis-salarju.

Ghalhekk l-ammont tas-sorte qieghed jigi ridott mis-somma ta’ Lm134,905.60c ghas-somma ta’ Lm31,618.50c (wiehed u tletin elf, sitt mija u tmintax-il lira Maltija u hamsin centezmu) u f’dan is-sens ghalhekk it-tieni aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi milqugh kif hawn jinghad.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-ewwel aggravju ta' l-appellant dwar responsabbilta` u tilqa' t-tieni aggravju dwar l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti, <u>tikkonferma</u> dik il-parti tas-sentenza appellata dwar responsabbilta`, b'dana pero` li <u>tirriforma</u> dik il-parti tas-sentenza fir-rigward tad-danni u tirriduci l-ammont ta' danni likwidati li ghandu jhallas l-appellant konvenut Paul Genovese ghall-ammont finali ta' Lm31,618.50 (wiehed u tletin elf lira Maltija u hamsin centezmu), kif fuq spjegat, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza appellata (22 ta' Marzu 2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Fic-cirkostanzi, hemm lok ukoll ta' riforma u temperament fil-kap ta' l-ispejjez minn kif deciz mill-ewwel Qorti u ghalhekk qeghdha tiddeciedi li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenut appellant Paul Genovese u r-rimanenti kwinta parti ($^{1}/_{5}$) mill-atturi appellati; b'dan pero` li l-ispejjez kollha ta' Darren Micallef, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell, ghandu jhallashom Paul Genovese.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------